Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-Mulej jagħtina l-grazzja li ngħixu f'għaqda waħda ma' ħutna li jħaddnu reliġjonijiet oħra, billi nitolbu għal xulxin b'qalb miftuħa.



**Qari:** ***Diskors ta' Papa Franġisku fi Piazza del Campidoglio fl-20 ta' Ottubru 2020***

Tabilħaqq "il-kmandament tal-paċi hu miktub fil-profond tat-tradizzjonijiet reliġjużi" (Enċiklika Fratelli tutti, 284). Dawk li jemmnu fehmu li d-diversità fir-reliġjonijiet ma tiġġustifikax l-indifferenza jew li nkunu għedewwa. Għall-kuntrarju, meta wieħed jitlaq mill-fidi reliġjuża, wieħed jista' jsir bennej tal-paċi, u ma jkunx iktar spettatur passiv quddiem il-ħażen tal-gwerra u tal-mibegħda. Ir-reliġjonijiet huma għas-servizz tal-paċi u tal-għaqda. Minħabba dan, anke din il-laqgħa tal-lum timbotta lill-mexxejja reliġjużi u lil dawk kollha li jemmnu biex jitolbu bil-ħerqa għall-paċi, u ma jirrassenjaw ruħhom qatt għall-gwerra, imma jaħdmu dejjem bil-qawwa umli tal-fidi biex iġibu fix-xejn il-konflitti.

…. Illejla ninsabu flimkien, bnedmin li ġejjin minn tradizzjonijiet reliġjużi differenti, biex nikkomunikaw messaġġ ta' paċi. Dan juri biċ-ċar li r-reliġjonijiet ma jridux il-gwerra; għall-kuntrarju, jiċħdu lil dawk li għalihom il-vjolenza hija qisha xi ħaġa sagra. Inħeġġu lil kulħadd biex jitlob għall-għaqda u biex jagħmel xi ħaġa sabiex il-fraternità tiftaħ toroq ġodda ta' tama. Tabilħaqq, bil-għajnuna t'Alla huwa possibbli li nibnu dinja ta' paċi u hekk, ħuti, insalvaw flimkien.

Kemm inti kbir, o Alla! Inti Alla ġust, Alla tal-imħabba,
Alla tal-paċi u tas-serħan, Alla tat-tama u tal-faraġ!
Mulej, nirringrazzjak talli ħlaqtna lkoll aħwa tal-istess missier.
Nixtieq nitolbok maħfra, Mulej, għax aħna malajr inkunu pronti
biex noħolqu l-firda, biex nibnu ħitan li jifirduna,
biex insibu skużi biex nitbiegħdu minn xulxin
minħabba kulur tal-ġilda, twemmin differenti u elf raġuni oħra.

Meta kont fostna inti wrejtna t-triq kif għandna nġibu ruħna ma' xulxin,
meta fejjaqt lill-imġiddmin, u m'għamiltx distinzjoni
jekk hux Lhudi jew Sammaritan….
meta ma ddejjaqtx titkellem mas-Sammaritana,
allavolja l-Lhud kienu jiddisprezzaw lis-Sammaritani.
Meta tkellimt bil-parabbola, ma ddejjaqtx tirrakkonta
kif il-qassis u l-levita baqgħu għaddejjin,
u kellu jkun Sammaritan li waqaf u ta l-għajnuna kollha
li kellu bżonn lil dak li ġie attakkat mill-ħallelin.
Mulej, nixtieq nistaqsi lili nnifsi,
kif qalilna Papa Franġisku fl-enċiklika *Fratelli Tutti*:-
U jien min jien? Ma min niddentifika ruħi?
Ma' dawk li baqgħu għaddejjin? Jew mas-Sammaritan it-tajjeb?
Mulej, aħna lkoll membri tal-familja kbira tal-bnedmin.
Agħtina l-kuraġġ biex, flimkien ma' oħrajn,
inkunu responsabbli fil-bini ta' kultura msejsa fuq valuri
li jwasslu għall-għaqda, għar-rispett lejn xulxin
u għall-għajxien flimkien b'mod armonjuż.
Mulej, agħtina l-grazzja li nagħrfu li
t-twemmin differenti mhuwiex punt ta' firda,
iżda opportunità biex insaħħu l-għaqda u l-fraternità bejnietna.
Għinna sabiex nifhmu li dawk li jħaddnu reliġjon differenti
huma ħutna wkoll, u għalhekk ma nistgħux inħarsu lejhom b'disprezz,
jew li nqisuhom bħala l-għedewwa tagħna.
Għinna nifhmu li, permezz tal-fidi,
nistgħu niksbu l-paċi u l-għaqda mal-oħrajn.
Nitolbuk fuq kollox għall-għaqda bejn il-bnedmin
u biex ilkoll inkunu kapaċi li, fl-ambjent li ngħixu,
nagħmlu xi ħaġa sabiex il-fraternità
tiftaħ toroq ġodda ta' tama u ta' mħabba.
Jalla, Mulej, inkunu bennejja ta' paċi, ħalli lkoll insalvaw flimkien.

**KANT**

**Qari***:* *Mill-enċikklika ta' Papa Franġisku* Frattelli Tutti (*Ottubru 2020)*

Vjaġġ ta' paċi bejn ir-reliġjonijiet huwa possibbli. Il-punt tat-tluq għandu jkun il-mod kif Alla jara l-affarijiet. 'Alla ma jarax b'għajnejh, Alla jara b'qalbu. U l-imħabba ta' Alla hija l-istess għal kulħadd, irrispettivament mir-reliġjon. Anke jekk dak li jkun huwa ateu, l-imħabba t'Alla hija l-istess. Meta jasal l-aħħar jum, u jkun hemm biżżejjed dawl biex naraw l-affarijiet kif verament huma, aħna se nsibu lilna nfusna pjuttost sorpriżi'. [278]

Fil-laqgħa fraterna tiegħi, li niftakar bil-ferħ, mal-Gran Imam Ahmad Al-Tayyeb, aħna ddikjarajna li r-reliġjonijiet m'għandhom qatt jinċitaw gwerra, attitudnijiet ta' mibegħda, ostilità u estremiżmu, u lanqas m'għandhom jinċitaw vjolenza jew it-tixrid tad-demm. Dawn ir-realtajiet traġiċi huma l-konsegwenza ta' devjazzjoni mit-tagħlim reliġjuż. Dawn jirriżultaw minn manipulazzjoni politika tar-reliġjonijiet u minn interpretazzjonijiet magħmula minn gruppi reliġjużi li, matul l-istorja, ħadu vantaġġ mill-qawwa tas-sentiment reliġjuż fil-qlub tal-irġiel u n-nisa... Alla l-Għoli m'għandu l-ebda ħtieġa li jiġi difiż minn xi ħadd, u ma jridx li ismu jiġi użat biex jitterrorizza n-nies. [284]

Mulej, kemm aħna differenti minnek.
Aħna nfittxu li noqogħdu flimkien ma' dawk li jaħsbuha bħalna,
ma' dawk li jaqblu magħna, jekk jista' jkun f'kollox,
u maljar inwarrbu lil min f'għajnejna hu differenti minna
jew forsi naħsbu li jista' jagħmilna skomdi.
Għinna, Mulej, biex ma neħlux quddiem id-differenzi ta' bejnietna.
Agħtina l-grazzja li nkunu kapaċi nbiegħdu minn qalbna
kull attitudni ta' mibegħda, ostilità jew vjolenza.
B'hekk inkunu ħielsa li nagħtu daqqa t'id lil xulxin,
u biex naħdmu flimkien ħalli nsibu soluzzjonijiet,
mhux li jservu biss il-bżonnijiet jew ix-xewqat tagħna,
iżda li jkunu mibnija fuq il-bżonnijiet tal-ġid komuni.
Fuq kollox, Mulej, agħtina l-grazzja, kif qalilna Papa Franġisku,
sabiex ngħixu f'għaqda waħda ma' ħutna li jħaddnu reliġjonijiet oħra,
billi nitolbu għal xulxin b'qalb miftuħa
u biex nibnu pont li jgħaqqadna flimkien.

Mulej, "Kemm hi ħaġa sabiħa tara l-aħwa magħqudin flimkien".
Għinna, Mulej, sabiex napprezzaw il-valuri u r-rikkezza ta' xulxin,
u biex inkunu kapaċi naqsmu dawn id-doni mal-oħrajn.
Mulej, agħtina l-grazzja li nifhmu li, għalkemm aħna lkoll differenti,
xorta waħda nistgħu ngħixu fil-paċi.
Għinna ħalli ma nibżgħux nibnu djalogu,
ħalli flok ma nħarsu lejn id-differenzi,
niffukaw fuq dak li jgħaqqadna.
Għinna nkunu kapaċi nirrikonċiljaw bejnietna
u nirrispettaw id-dinjità ta' ħutna l-bnedmin,
biex b'hekk issaltan il-paċi fostna.
Għinna ħalli nagħrfu nħaddnu kultura u sentimenti
ta' maħfra, mogħdrija, tama u mħabba
u fuq kollox agħtina l-kuraġġ biex inwieġbu għall-ħażin bit-tajjeb,
ħalli b'hekk inkissru ċ-ċirku vizzjuż ta' mibegħda, ġlied u vjolenza.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Il-Papa Franġisku: **Talba lill-Ħallieq f'għeluq l-Enċiklika** Fratelli Tutti

Mulej u Missier tal-umanità,
li ħlaqt lill-bnedmin kollha bl-istess dinjità,
sawwab fi qlubna spirtu ta' aħwa.
Nebbaħ fina l-ħolma ta' laqgħa ġdida,
ta' djalogu, ta' ġustizzja u ta' paċi.
Ħeġġiġna biex noħolqu soċjetajiet iktar b'saħħithom u dinja iżjed xierqa,
fejn ma jkunx hemm ġuħ, faqar, vjolenza u gwerer.

Ħa tinfetaħ qalbna
għall-popli u n-nazzjonijiet kollha tal-art,
biex nagħrfu t-tjieba u l-ġmiel li inti żrajt f'kull wieħed u waħda minnhom,
biex ninsġu rabtiet ta' għaqda, ta' proġetti komuni, ta' tamiet maqsuma flimkien.

Ammen.